# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 247/2017**

Il-Pulizija

Vs

Omissis

**Anthony Cutajar**

iben Generoso imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Novembru, 1970 u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 518270(M)

Illum, 11 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Cutajar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’resuluzjoni wahda u cioe`:

Fil-15 ta’ Novembru, 2016, bejn l-10am u is-2.30pm minn gewwa Gnien Mark Farrugia li jinsab fi Triq is-Sardinja, Hal-Tarxien u/jew f’dawn il-Gzejjer ikkommettew serq tal-bust u/jew oggett

iehor [kommemorattiv ta' PC525 Mark Farrugia] li l-valur tieghu jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' sidu, tal-Kunsill Lokali Hal-Tarxien u/jew Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bil-lok.

F'Malta xjentament laqgħu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indahhlu biex ibighuhom jew imexxuhom.

Gewwa Tal-'Pikles Scrap Yard' li tinsab fit-Triq id-Dejma, Fgura u/jew f'dawn il-Gzejjer f'xi hinijiet fis-7 ta' Settembru, 2016, ikkommettew serq ta' tnax-il romblu tal-foil u/jew oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.37 ghad-detriment ta' Christina Attard u jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur.

Fl-istess cirkustanzi bi hsara tas-sid, ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' Christina Attard u/jew ta' persuni ohra.

Irrendew ruhhom recidivi ghal sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta li ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Mejju, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-
li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289, 261(b)(c), 263, 278(2), 279(a), 280(2) u 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Anthony Cutajar hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannat lil Anthony Cutajar ghal tlett snin prigunerija.

Fl-ahharnett a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali poggiet lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghataw l-ghajnuna kollha mehtiega biex jeghlbu l-vizzji li wassluhom ghal dawn il-proceduri.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skontd il-ligi.

Il-Qorti ordnat li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Cutajar tal-15 ta' Mejju, 2017 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu fir-rigward tal-piena li giet inflitta lilu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi minn din is-sentenza l-appellanti qed jinterponi dan l-Appell dwar il-piena lilu nflitta u dana billi jikkontendi li l-piena nflitta fuqu kellha tkun aktar ekwa tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Illi r-rikorrenti jixteiq li jibda programm gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin hija li inmate li jkun qed jiskonta sentenza biss imur il-programm u tali attendeza tkun possibli biss lejn l-ahhar tas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena nflitta li fil-kaz tal-appellant hi ta' tlett snin prigunerija.

Illi l-imputat hu mahkum mill-vizzju tad-droga li gaghlietu jwettaq dak li hu bih akkuzat u li ammetta fil-mori tal-kawza.

Illi din il-Qorti rat l-atti u qed taghti kaz tal-volonta' tieghu li jdhol fi programm residenzjali biex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga.

Illi fic-cirkostanzi jkun opportun biex l-appellant jinghata opportunita', li l-appell tieghu jigi milqugh.

Ghgaldaqstant, fil-waqt li tikkonferma l-htija ta' Anthony Cutajar fil-meritu u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' tlett snin prigunerja u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' sentejn prigunerija.